# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura – Laqgħa b'urġenza

**Laqgħa Numru 19/2020**

Data: Il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu, 2020

Ħin: 18:05hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli – Sindku<br>Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier<br>Sin Toshera Schembri - Kunsillier<br>Dr Ryan Ellul - Kunsillier<br>Sur Mario Fava – Kunsillier<br>Sur Mark Lombardo - Kunsillier |
| | Sin Cynthia Plumpton –Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Sur Ray Deguara - Kunsillier<br>Sur Adrian Tanti – Kunsillier |

## AĠENDA

### 19.1 PROPOSTA TA' RIĠENERAZZJONI TAŻ-ŻONA TAR-RAZZETT L-ANTIK

### 19.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**19.1.1** Il-Kunsill ra u approva li t-talbiet bħala ġustifikati biex il-Kuns R Deguara u l-Kuns A Tanti jkunu skużati għal din il-laqgħa. Skużati

Proposta ta' Riġenerazzjoni taż-żona tar-razzett l-antik

**19.1.2** Is-Sindku stieden lis-Sur Aldo Busuttil sabiex jitkellem u l-laqgħa ġiet sospiża.

18:25 Il-Viċi Sindku daħal fil-kamra.

18:25 Il-laqgħa reġgħet bdiet u s-Sindku rringrazzja lis-Sur Aldo Busuttil tal-ispjegazzjoni tiegħu.

**19.1.3** Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera għall-kummenti tagħhom.

**19.1.4** Il-Kuns R Ellul saqsa jekk is-sid iridx ibiegħ. Qal li mhuwix sew li ntqal fir-rapport li l-Kunsill jew il-Gvern mhu jagħmel xejn dan il-għaliex hemm ħafna xogħol għaddej li ma jkunx qed jidher. Barra minn hekk il-Kunsill għandu ħafna pjanijiet fejn tidħol is-sistema tat-traffiku u t-toroq.

**19.1.5** Il-Kuns C Bonello semma li hemm ammissjoni jew aċċettazzjoni li l-appell tal-Mepa ser jintilef. Dan ir-rapport żgur li fih iridu jsiru emendi peress li juri li qisu l-Kunsill diġa qata qalbu mill-Planning Authority avolja din għadha ma ddeċidietx. Il-Kunsill m'għandux jagħmel assunzjonijiet.

**19.1.6** Il-Kuns M Lombardo kkumenta li flok isir xiri forsi jsir tpartit tal-art. Ma qabilx mar-rapport fejn hemm li l-Kunsill jew il-Gvern m'għamel xejn. Semma fost l-oħrajn kif il-pjazez ġew irranġati, il-futboll grawnd, titjib fil-Housing Estate u fejn l-iskola.

**19.1.7** Il-Kuns M Fava kkummenta fuq ir-rapport u fuq l-istrateġija. Ma jkunx ġust li jekk mhux ser isir dak li qed jgħid s-Sur Aldo Busuttil ikun ifisser li l-Kunsill naqas. Semma l-local plans għaldaqstant dak il-proġett isir f'dawk il-parametri. Insista li ma tistax tagħmel statement bħal dak li għamel is-Sur Aldo Busuttil li dawn mhux jiffunzjonaw.

**19.1.8** Il-Kuns M Fava semma li dan ir-razzett qiegħed f'art privata. Wieħed irid jara li s-sidien iridux li dan il-proġett ma jsirx jew inkella jbiegħu l-art lill-Gvern. Dan huwa d-dritt tagħhom u ta' ħadd iktar. Rigward il-parking ma jaqbilx assolutament minħabba l-fatt li fejn hemm ir-razzett huwa l-qalba tal-Fgura u li jekk dan isir inkunu qed inġibu aktar karozzi.

**19.1.9** Il-Kuns M Fava saqsa hemmx costings u saqsa jekk hemmx il-Bills of Quantities tal-bini. Il-Gvern ma setax jagħmilha.

**19.1.10** Il-Viċi Sindku semma li r-rapport mhux ġust peress li fil-Fgura fejn jidħlu siġar li huma limitati l-Kunsill ġab tletin siġra taż-żebbuġ u anki ġibna pots. Kellna serq ukoll kemm fuq is-siġar kif ukoll il-ħamrija. Huwa spjega li għandna nifhmu wkoll li dawk is-siġar li kien hemm fil-main road kienu ta'

detriment għal min joqgħod hemm u l-ħsarat li ġarrbu fir-residenzi tagħhom in-nies huma biss jafu dwarhom. Fisser li l-Kunsill għandu ċerta saħħa imma għandu wkoll ċertu limitu.

**19.1.11** Il-Kuns R Ellul issuġerixxa li għandu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill ħalli jara u jieħu deċiżjoni hu fir-rigward ta’ dan ir-rapport u jagħti lill-Kunsill stima ta’ kemm jiswa sabiex issir il-proposta mressqa.

**19.1.12** Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni li fil-proposta hemm numru ta inizjattivi li jridu jsiru mill-Amministrazzjoni tal-Kunsill u staqsa illi jekk il-Kunsill se jmur għal din il-proposta l-Kunsill irid jara tistax issir mill-amministrazzjoni bir-riżorsi umani li għandna. Il-Kuns C Bonello staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv għandnix din il-possibilta fejn is-Segretarju Eżekuttiv infurmata li l-Kunsill m’għandux amministrazzjoni biżżejjed anki minħabba covid-19 l-amministrazzjoni ser tkun batuta.

**19.1.13** Is-Sindku rringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill tal-punti mqajjma minnhom. Is-Sindku f’dan l-istadju nforma li dan ir-rapport għandu jiġi mlaħħam iktar u jiġi mqabbad il-Perit tal-Kunsill għal stima. Informa li l-Perit Edward Said qed jiffolowja dan ir-razzett b’reqqa u li fil-jiem li ġejjin ser nerġgħu niltaqgħu miegħu.

**19.1.14** Il-Kuns M Lombardo semma illi li kieku sena w nofs ilu meta l-Kunsill sar jaf li dan ir-razzett ser jiġi skedat u li kieku l-Kunsill ma ntervjenix, kieku kienet tkun offiża kbira għall-Kunsill Lokali tal-Fgura.

18:40 Is-Sindku ssospenda l-laqgħa sabiex jitkellem il-pubbliku li kien preżenti.

19:00 Il-laqgħa reġgħet bdiet u s-Sindku rringrazzja lill-pubbliku li kkumenta fuq dan ir-razzett.

**19.1.15** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5569/20/8 “Illi b'referenza għar-rapport ippreżentat mis-Sur Aldo Busuttil bl-isem Riġenerazzjoni Żona ir-Razzzett l-Antik - Nifs fil-Qalb tal-Fgura. Il-Kunsill għandu jħejji rapport permezz tal-Perit tal-Kunsill sabiex janalizza l-istess rapport, kif ukoll il-costings totali ta' kemm ser jiswa' l-proġett, flimkien mal-infieq kollu relatati mal-kampanja msemmija mis-Sur Aldo Busuttil. Il-Kunsill għandu jitlob kwotazzjoni lill-Perit ta' kemm ser jiġi jiswa dan ir-rapport. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jaqbel mal-prinċipju li r-razzett l-antik għandu jiġi restawrat għall-istat oriġinali tiegħu”.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

# KUNSILL LOKALI FGURA

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:05hrs.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli<br>Sindku | Sinjura Cynthia Plumpton<br>Segretarju Eżekuttiv |

Data: 8 ta' Awwissu, 2020